MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 15/2000/1

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Carmelina Galea nominata**
**b'digriet tal-14 ta' Mejju 1998**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta:

1. illi b'ittra ufficjali tas-17 ta' April 1998 l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tas-sehem indiviz ta' erba' noni (4/9) indivizi tal-fondi b'numri hamsa u tletin (35) u sitta u tletin (36) u sebgha u tletin (37) lkoll fi Sqaq ir-Regina, l-Belt Valletta u cioe tar-Recognition rent ta' tnejn u erbghin Lira Maltija (Lm42) fis-sena imposta fuq l-istess li gew mehuda mill-Gvern b'titolu ta' Dominju

Pubbliku bis-sahha ta’ (3) tlett kuntratti kollha pubblikati minn Nutar Alexander Grech fit-2 ta’ Lulju 1969, 29 ta’ Novembru 1978 u fil-31 ta’ Mejju 1978 huwa ta’ elf tmin mija u disghin Lira Maltin (Lm1,890) fir-rapport tal-Perit Mario Cilia A & CE tal-24 ta’ Marzu 1998 li estratt tieghu Dok A rispettivament huma annessi mal-Avviz tal-Ftehim.

2. Illi b’ittra ufficjali tat-28 ta’ April 1998 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert.

3. Illi b’cedola ta’ depozitu ipprezentata fis-17 ta’ Gunju 1998 gie depozitat il-kumpens offert ta’ elf tmin mija u disghin Liri Maltin (Lm1,890) ghal fuq postijiet deskritti u dan a terminu tal-artikolu 22(4) tal-Kap 88.

4. Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap. 88 dan id-depositu ma jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero’, ir-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-ligi.

5. Talab bir-rispett li dan il-Bord jiffissa l-kumpens relattiv ghall-art imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Rat l-atti kollha tal-kaz.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, permezz tar-rikors in desamina r-rikorrenti qed jitlob sabiex l-istess Bord jiffissa l-kumpens xieraq in konnessjoni ma “…(ix)-xiri assolut, bhala franka u libera tas-sehem indiviz ta’ erba’ noni (4/9) indivisi tal-fondi b’numri hamsa u tletin (35) u sitta u tletin (36) u sebgha u tletin (37) lkoll fi Sqaq ir-Regina, l-Belt Valletta u cjoe tar-“Recognition Rent” ta’ tnejn u erbghin lira Maltija (Lm42) fis-sena imposta fuq l-istess li gew mehuda mill-Gvern b’titolu ta’ Dominju Publiku bis-sahha ta’ (3) tlett kuntratti kollha pubblikati minn Nutar Alexander Grech fit-2 ta’ Lulju 1969, 29 ta’ Novembru 1978 u fil-31 ta’ Mejju 1978” (ara fol 19 u fol 22 enumerat ‘24’) u cjoe tar-“recognition rent’ ta’ Lm42 fis-sena imposta fuq l-istess li gew b’titolu ta’

Dominju Publiku. Illi l-istess rikorrenti offra bhala kumpens is-somma ta' Lm1890 u waqt dawn il-proceduri u in sostenn ta' dak li ghadu kemm gie premess gew prodotti:

a) Il-Perit Mario Cilia (fol 30 u fol 31 tal-atti) li kkonferma l-istima sottomessa minnu u li tinsab a fol 9 tal-atti oltre spjega kif wasal ghal din il-figura;

b) Stephanie Bezzina (fol 37 ibid) li esebit id-dokumenti a fol 39 sa fol 41, f'isem il-"Land Valuation Officer".

Ikkunsidra

Illi il-ligi in materia, il-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, jirregola u jistabiixxi x'ghandu jkun il-"kumpens xieraq" f'kazijiet bhal dan fl-artikolu 27 (13) u 19(8) (g) tal-istess ligi u , a bazi ta' dan, jidher li l-"kumpens xieraq" hu dak offert mir-rikorrenti permezz tal-ittra ufficjali tal-17 ta' April 1998 (ara fol 8 tal-atti) ossija Lm1890.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jiffissa l-kumpens relattiv ghall-postijiet in kwistjoni fis-somma ta' Lm1890.

In rigward, l-ispejjes kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------